**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar 3 ta' Dicembru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 3/2022JPG**

**Kawza Numru : 21**

**AM**

***vs***

**DM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AM datat 6 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti:

*Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-tmienja u ghoxrin (28) t'Awissu tas-sena elf disa mija u tmenin (1982), gewwa Santwarju tal-Mellieha, Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat bhala Dok A);*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal li llum lkoll ghandhom il-fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena u ghaldaqstant huma maggorenni u indipendenti;*

*Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet konjugi M  ma ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi da parti tal-konvenuta u b'hekk iz-zwieg taghhom tfarrak b'mod irrimedjabbli, u l-hajja*

*konjugali saret impossibli;*

*Illi l-esponent sfaxxa vittma ta' theddid kontinwu tal-konvenuta fejn hi kemm id-darba pruvat tghajjar u twerzaq quddiem it-tfal u dan bl-ghan illi huma jahsbu li ommhom qed tigi msawta minn l-esponent, meta l-konvenuta taf ben tajjeb li dan qatt ma kien il-kaz;*

*Illi l-esponenet jixtieq mill-ewwel jirrileva li minkejja li r-relazzjoni ta' bejnu u l-konvenuta spiccat snin ilu, hu baqa' jirrispettaha, jaghtiha nofs il-pensjoni u kien ta' support ghaliha anke fi zmien li l-konvenuta sfortunatament spiccat tbati bil-marda tad-dipressjoni;*

*Illi minkejja li l-esponent dejjem gab l-ikbar rispett lejn l-konvenuta hu baqa vittma tal-abbuz verbali fejn hu lanqas jista jghid nofs ta' kelma u dan ghaliex malli jipprova jkellem lil konvenuta hi tinfexx tghajjat, tghajjar u thedded lil esponent;*

*Illi partikolarment tul dawn l-ahhar sitt snin l-konvenuta holqot diversi incidenti sforz l-karattru difficli taghha, vendikazzjonijiet kontinwi u l-agir abbuzziv fejn il-konvenuta kemm il-darba ghajjtet mal-esponent minghar raguni u anke irrisortat sabiex thedded lil esponent;*

*Illi r-rikorrenti jirrileva li l-konvenuta zgur qed thossha frustrata b'din is-sitwazzjoni tant li tul dawn l-ahhar hames snin hi ddecidiet li torqod f'kamra separata, issajjar ghaliha biss u tahsel hwejjigha biss, b'hekk hi evidenti li f'ghajnejn l-konvenuta il-hajja mizzewwga ta' bejn il-partijiet sfaxxat fix-xejn u li ma kellha l-ebda hsieb li l-partijiet jirrikonciljaw;*

*Illi jigi rilevat li l-fond matrimonjali bl-indirizz 'numru erbgha u disghin u sitta u disghin (94 u 96), Tower Street, Mosta, hija propjeta' parafernali tar-rikorrenti indivizz lil esponent fl-ammont ta' tmienja u sittin minn tmenin (68/80) waqt li l-konvenuta ghandha parti indiviz fl-ammont ta' tnax minn tmenin (12/80) liema fond inxtara barra miz-zwieg mill-partijiet permezz ta'*

*kuntratt ta' bejgh datat disgha u ghoxrin (29) t'Awwissu tas-sena elf disa mija u tmenin (1980) fl-atti tan-Nutar Pubbliku Nicolette Vella, vera kopja tal-kuntratt qed hawn anness u mmarkat Dok B;*

*Illi minhabba l-fatt li dan il-fond akkwistawh il-partijiet barra miz-zwieg, mhux f'partijiet ugwali, l-istess proprjeta ma tistax tigi maqsuma b'mod ugwali bejn il-partijiet;*

*Illi r-rikorrent ghamel diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni inkluz permezz tal-proceduri tal-medjazzjoni, izda dawn ma tawx frott minhabba l-intransigenza tal-konvenuta;*

*Illi l-partijiet nasqu ukoll milli jaslu ghal separazzjoni bonarja bejniethom, u ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jintavola dawn il-proceduri;*

*Illi l-esponent gie debitament awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza u dan skont digriet moghti mill-Onorabbli Qorti (Sezzjoni Familja) datat disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) (anness u mmarkat bhala Dok C);*

*Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatt personalment.*

*Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta DM ;*
2. *Tittermina, tillikwida, u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontedenti skont il-Ligi, izda dam ma jistax isir b'mod ugwali;*
3. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett lura minn meta l-kontendenti ma baqghux jghixu flimkien jew minn data ohra li din il-Qorti jghogobha tistabilixxi;*
4. *Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti, taqsamha f'zewg prozjonijiet mhux ugwali li tirrispetta l-kuntratt ta' bejgh tal-fond '94 u 96', Tower Street, Mosta, datat disgha u ghoxrin (29) t'Awwissu tas-sena elf disa mija u tmenin (1980) fl-*

*atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Nicolette Vella u tassenja parti wahda lill-esponent u l-ohra lill-konvenuta;*

5. *Tiddikjara li d-dar ufficjalment markata bin-numru '94 u 96', Tower Road, Mosta m'ghadnhiex titqies aktar bhal d-dar taz-zwieg u tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-istess fond, b'dak il-prezz li jigi stabbilit minn perit nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop, u bl-ammissjoni ta' oblaturi barranin;*
6. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-esponent l-oggetti kollha parafernali tieghu, inkluzi flus u krediti ohra, u thallsu l-krediti parafernali tieghu, u fin-nuqqas tikkundannaha thallas l-valur taghhom;*
7. *Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li l-konvenuta tilfet il-jeddijiet taghha ghas-successjoni tal-esponent;*
8. *Tawtorizza lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Frar 2022 (Vide Fol 22);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DM , datata 23 ta' Marzu 2022, a fol 24 et seqq., li permezz taghha ddikjarat:

1. *Illi huwa minnu illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) t'Awwissu tas-sena elf disgha mija tnejn u tmenin (1982) gewwa l-Mellieha u frott ta' dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum il-gurnata kollha maggorenni;*
2. *Illi pero' mhuwiex minnu illi hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli minhabba dak allegat da parti tal-konvenuta izda pjuttost hija sitwazzjoni veritiera hija kompletament ghal kuntrarju ta' dak li qed jinghad mill-attur fir-rikors promotur;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, kien hadd ghajr l-attur li dejjem irrenda hajjet l-esponenti difficli; madankollu kien hemm diversi okkazjonijiet ta*

*abbuz psikologiku u verbali da parti tieghu fuq martu, u dana nonostante dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-familja bhala mara tad-dar u dejjem kienet hi li sajret, naddfet u rabbiet tlett itfal u dana dejjem kif ser jigi ben spjegat u provat fil-mori tal-kawza;*

4. *Illi tant hu hekk illi kien l-attur stess li nganna lill-martu u b'dana bhalma meta ffirmaw il-kuntratt tal-bejgh u xiri tad-dar matrimonjali qabel iz-zwieg, fejn peress li ma tafx taqra u tikteb, iffirmat l-imsemmi kuntratt, bil-hsieb li l-istess kuntratt kienet intiza sabiex tinxtara dar matrimonjali f'ishma indaqs ghall-futur tal-partijiet meta ftit li xejn kienet indunat li s-sehem taghha kien 'lill hinn minn nofs indiviz izda kien limitat ghal dak is-sehem zghir kif gie stabbilit fl-imsemmi kuntratt anness mar-rikors tal-attur, fejn fil-verita ma kellha l-ebda idea ta' l-istess u dana sakemm tfaccaw il-proceduri tal-medjazzjoni u dana dejjem kif ser jigi spjegat u provat fil-mori tal-kawza;*
5. *Illi mhuwiex minnu li l-esponenti spiccat tbati mill-marda tad-dipressjoni u tali premessa hija intiza biss sabiex titfa dawl ikrah fuqha meta mill-aspett iehor l-attur qatt ma ppremetta kemm kienet l-esponenti stess li dejjem hadet hsieb it-tfal u l-bzonnijiet kollha tal-familja mit-Tnejn sal-Hadd;*
6. *Illi semmai jekk xi hadd kien vittma ta' abbuz ta' kliem verbali u dana sal-gurnata tallum kienet biss l-esponenti kif ser jigi ben ippruvat fil-mori tal-kawza anke mit-tfal taghha stess jekk huwa l-kaz;*
7. *Illi mhuwiex minnu kien hemm theddid mill-esponenti fil-konfront ta' zewgha u minn issa ser tirrizerva azzjoni ulterjuri ghal tali gurament falz;*
8. *Illi huwa biss dax-xaghrejn illi l-esponenti iddecidiet li ma tahsilx l-hwejjeg tal-attur u dana stante li mhijiex is-seftura tieghu, kif dejjem giet trattata, tali trattament li temana car mir-rikors promotur stess fejn l-attur jippretendi li issajarlu u tahsel il-hwejjeg tieghu, attegjament car li jiddemostra dak li jidher bhala agir narcisstiku;*
9. *Illi l-attur naqas milli jghid kif dejjem kellu kontrollu assolut fuq il-finanzi kollha inkluz anke dawk il-flejjes derivanti mill-frott tal-wirt ta' l-esponenti;*
10. *Illi l-esponenti taf b'daw il-fatti personalment;*
11. *Illi ghalhekk ghal finijiet ta' l-ewwel  talba ghal kuntrarju ta' dak mitlub mill-attur, tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur AM ;*
12. *Tichad it-tieni talba limitatament u tittermina tillikwida u taqsam il-kommunjoni tal-akkwisti ezistendi bejn il-kontendenti b'mod ugwali;*
13. *Tichad it-tielet talba stante li sal-gurnata tallum il-kontendenti ghadhom jghixu flimkien;*

14. *Tichad ir-raba' talba limitatament u taqsam il-kommunoni ttal-akkwisti b'mod indaqs;*
15. *Tilqa' l-hames talba u dan b'mod li l-frott tal-bejgh tal-imsemmi dar matrimonjali tinqasam b'mod ugwali;*
16. *Tichad is-sitt talba stante li premess li l-partijiet kontendenti qeghdin jghixu fl-imsemmi fond u ghaldaqstant l-attur gja gie ikkonsenjat bil-beni kollha tieghu;*
17. *Tichad is-seba talba stante li s-sanzjonijiet komtemplati ghandhom japplikaw fil-konfront tal-attur;*
18. *Tilqa' t-tmien talba.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-medjazzjoni fil-konfront tal-attur minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu. (Vide Fol 135).

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal firda personali bejn il-partijiet u sabiex ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti ta' bejn il-partijiet.

### 2. Il-Verzjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*2.1. <u>Il-Verzjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:</u>*

L-Attur xehed permezz ta' affidavit (fol. 29 et seq.) debitament mahluf nhar il-11 ta' Marzu 2022 u spjega illi l-partijiet kienu iltaqghu meta huma kienu ghadhom zghar, hu kellu dsatax il-sena (19) waqt li l-intimata kellha hmistax (15)-il sena. It-tnejn kienu jahdmu u kienu jixtru l-affarijiet taghhom b'mod separat. Wara madwar sitt (6) snin iddeċidew li jizzewgu ghalhekk kienu sabu post il-Mosta. Meta kienu resqu ghal kuntratt ta' xiri, in-Nutar kien qara l-kuntratt, kienu qablu mal-kontenut inkluz l-ishma li bihom kienu qed jixtru l-post u ffirmaw. Wara dak in-nhar, l-attur beda jmur jirranga l-post li kienu xtraw wara x-xoghol li kellu fuq bazi *full-time.*

Huma zzewgu sentejn wara li kienu xtraw il-post, gewwa l-Mellieha. Wara ftit l-intimata kienet talbitu jergghu jersqu quddiem Nutar u jiddikjaraw li d-dar kienet tappartjeni lilhom nofs bin-nofs. L-attur ma kienx accetta, kien inqala' argument bejniethom izda imbaghad komplew bil-hajja mizzewga taghhom.

Matul iz-zwieg taghhom, l-attur kien jahdem *full-time* gewwa lukanda u kien anke jahdem ir-raba' li kienet ta' missieru. Fi zmien qasir wara li zzewgu kellhom lit-tlett (3) uliedhom, li llum-il gurnata huma maggorenni. Tnejn minnhom mizzewgin u jghixu mal-familja taghhom u l-wild il-kbir ghadu jirrisjedi maghhom.

L-attur jiddikjara illi c-cekk tal-paga kien jghaddih lil martu sabiex tkun tista' tixtri l-bzonnijiet tal-familja. Jghid illi madwar hamsa u ghoxrin sena (25) ilu beda jara lill-martu bi problem ta' sahha mentali u kien jehodha ghand psikjatri u vizti l-isptar. Kienet hadet xi kura l-Isptar Monte Karmeli u l-attur kien ghadda minn zmien difficli ghax kellu jlehhaq mal-familja, max-xoghol u mal-intimata. Il-mara kienet qaltlu biex idahhal lit-tfal f'Istitut sakemm hi kienet rikoverata izda l-attur ma ridtx ghax ma hassx li hemm kien posthom. Ma kienx sab ghajnuna minghand oht l-intimata, imma l-mara ta' huh kienet ta' ghajnuna kbira billi kienet accettat li tiehu hsieb lit-tlett (3) itfal.

L-intimata ghamlet madwar sena tmur lura d-dar u wara ftit terga' tigi rikoverata fl-isptar. L-attur kien irranga x-xoghol biex jibda jahdem mal-gurnata biss u mhux l-iljieli sabiex bil-lejl ikun jista' jzomm lit-tfal mieghu. Wara din is-sena, l-intimata bdiet tiehu medicini ghad-dipressjoni u bdiet tirkupra.

Minbarra x-xoghol tal-lukanda u tar-raba', l-attur kien xtara hmistax (15)-il naghga biex jibda jbiegh il-gbejniet. Kien hemm qbil li hu jiehu hsieb lin-naghag u l-intimata kellha tiehu hsieb l-gbejniet u tqassam f'xi hwienet. Il-gbejniet intoghbu u kien ikollhom hafna nies jordnaw. Il-qliegh li kien jidhol minn dawn il-gbejniet bdiet izzommu l-intimata u lanqas kienet taqsam mieghu biex ikopri l-ispejjez tan-naghag. Kien talabha mqar tkoprilu l-ispejjez tan-naghag imma kienet qaltlu li jekk ma kienx kuntent, setgha jbieghhom hu l-gbejniet. Dan ma kienx possibbli ghall-attur u allura kien accetta. Wara li rtira u kellu aktar hin fuq idejh, beda jiehu hsieb kemm lin-naghag kif ukoll il-gbejniet. L-intimata bdiet tirvella u ma tihux l-ordnijiet tan-nies, la kienet tiehu t-telefonati u lanqas tiftah il-bieb. Ilum-il gurnata hadd m'ghadu jixtri ġbejniet u kellu jieqaf.

Minflok ic-cekk tal-paga, wara li irtira, beda jaghtiha c-cekk tal-pensjoni. Jghid illi sentejn ilu, l-intimata ddecidiet li tieqaf tahsel il-hwejjeg u ssajjar. L-attur ma qalilha xejn ghax hu jaf jaghmel dawn il-facendi. Waqt l-argumenti li ta' sikwit qed jinqalghu bejn il-partijiet, l-intimata tghidlu kliem li tixtieq tarah marid u li titlob li Alla jiehdu. Huma ma baqghux iqattghu hin flimkien u meta kien jitlobha li johorgu flimkien, kienet tkun trid bilfors lil xi hadd mit-tfal taghhom maghhom. Ghalhekk huwa jiddikjara illi hu dejjem ghamel dak kollu li setgha ghal familtu u hija biss l-intimata li tahti ghat-tifrik taz-zwieg.

Sabiex jikkoroborra l-verzjoni tieghu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

1. *<u>Ix-xhieda ta' Saviour Theuma, in rappreżentanza tad-Dipartiment ghas-Sigurta' Soċjali,</u>* (fol. 39) moghtija waqt is-seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju ta' nhar l-24 ta' Awwissu 2022 u li permezz taghha, ix-xhud ezebixxa rendikont tal-beneficcji socjali, u cjoe pensjonijiet, li l-partijiet kienu ircevew. L-attur kien beda jircievi pensjoni mis-sena elfejn u sbatax (2017) filwaqt li l-intimata bdiet tircievi pensjoni mis-sena ghelfejn wiehed u ghoxrin (2021). Fil-maggoranza tax-xhur tas-sena 2022, l-attur jippercepixxi l-ammont ta' seba' mija u erbghin euro (€740) filwaqt li l-intimata ppercipit l-ammont ta' hames mija tlieta u hamsin euro (€553).

2. *<u>Ix-xhieda ta' Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta</u>* (fol. 41) u li permezz taghha ix-xhud ezebixxa rendikont tal-vetturi li l-attur kellu registrati fuq ismu. Fid-data tas-seduta, l-attur kellu vettura wahda registrata fuq ismu tal-ghamla Toyota

Hilux. Ix-xhud ikkonferma li l-intimata qatt ma kellha vetturi registrati fuq isimha.

3. *Ix-xhieda ta' Dott. Hubert Theuma fl-irwol tieghu ta' ufficjal legali principali tal-ufficju tan-Nutar tal-Gvern* (fol. 69) fejn ezebixxa kopja tal-kuntratt ta' bejgh li sar fil-hamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u hamsin (1950) li permezz tieghu l-partijiet akkwistaw l-fond matrimonjali taghhom gewwa l-Mosta.

*2.2. Il-Verzjoni tal-Intimata u l-Provi Mresqa Minnha:*

L-intimata xehdet permezz ta' affidavit (fol 96 et seq.) li gie debitament mahluf minnha nhar it-23 ta' Jannar 2023. L-intimata taqbel fuq l-gherusija u l-bidu taz-zwieg taghhom kif deskritti mill-attur. Madanakollu tghid illi meta dehru quddiem in-Nutar ghax-xiri tal-proprjeta' li kellha tkun il-fond matrimonjali, in-Nutar ma kienx qara l-kuntratt. L-attur kien indikalha fejn kellha tiffirma u hi qabdet u ffirmat minhabba li kienet tafda lil zewgha. Tghid li hi ma tantx taf tikteb u taqra imma kienet tafda kollox fir-ragel u qatt ma hasbet li kien ser jingannaha. Kienet indunat li d-dar ma kienetx nofs bin-nofs meta kienet hadet il-kuntratt ghand avukat u kienet qratulha hi.

Tghid illi tibghat messaggi ghaliex il-mowbajl taghha jissugerilha l-kliem imma l-aktar li tuzah biex tilghab u dan taghmlu ghax kemm taghfas fuq stampa. Tichad illi l-attur kien irranga l-fond matrimonjali hu ghaliex tghid li kien hemm bicca mit-terrazin li kienet waqghet u dan b'riskju ghaliha li kienet tohrog tahsel il-hwejjeg ta' spiss hemm.

Sostniet li hi kienet tahdem billi taghmel u tbiegh il-gbejniet friski u l-flus kienu jmorru ghal bzonnijiet tal-familja. Tichad li kien itiha c-cekk kollu tal-paga tieghu u ssostni li kien izomm parti minnu ghalih.

L-intimata tghid li d-dipressjoni taghha kien minhabba l-attegjament tal-attur, tiddeskrivih bhala attegjament narcissistiku li dejjem ried jikkontrollaha. Kien igielghha thossha li ma tiswa xejn u li kellha tohrog mis-sodda anke meta ma kienitx thossha flokha. Tghid li ma kien iwassalha imkien ghajr darba jew darbtejn l-isptar Monte Karmeli ghaliex kien ta' bilfors. Tghid li ma kienx izurha u anke kien jghid lil hutha biex ma jmorrux izuruha. Tichad li kienet hi li xtaqet iddahhal it-tfal go Istitut

izda tghid li l-attur kien qalilha li ohtha kienet issugeriet hekk. Tghid li damet tlett xhur biss rikoverata ghaliex imbghad it-tobba stess qalulha li hemm ma kienx postha.

L-intimata tenfasiza li l-flus tal-gbejniet kienet tuzahom ghall- bzonnijiet tal-familja, inkluz biex tixtri l-hwejjeg lil kulhadd. Ghall- kuntrarju li jghid l-attur, kien hu li kien izomm il-flus tal-bejgh ta’ xi friegh tan-naghag ghalih. Tichad l-intimata li hi rrifjutat ordnijiet tal-gbejniet izda kienet semplicement qalet lin-nies li kienet waqfet tbiegh ghax kienet ghajjiet.

L-intimata tghid illi l-partijiet qeghdin jghixu hajja ghal rashom u tichad kategorikament li hi qalet kliem odjuz lill-attur. Tghid illi l-inkwiet beda bejniethom meta bdiet tghid lill-attur li kienet ghajjiet u riedet tieqaf mix-xoghol u hu kien jheddidha li ma kienx se jtiha flus aktar ghall-hajja. Hija marret ghand avukata tal-fiducja taghha u hemmhekk indunat li kien ingannha fil-kuntratt tax-xiri tad-dar matrimonjali. Matul iz-zwieg tghid li l-attur kien zorr hafna maghha u kellu awtorita assoluta fuqha. Tirrakonta li kienet hadet cekk ta’ flus li gew ghandha b’wirt u l-attur mar maghha il-bank sabiex issarfu, parti minnhom zammithom hi imma parti minnhom ddepozitathom fil-kont kongunt.

L-intimata tghid li hi dejjem hadet hsieb it-tfal wahedha minghajr ebda ghajnuna. Barra minn hekk hi dejjem ghamlet il-facendi tad-dar, dejjem sajret u haslet il-hwejjeg. Meta bint il-partijiet kellha bzonn taghmel operazzjoni, hija kienet tmur l-isptar bil-karozza tal-linja ghaliex l-attur ma kien iwassalhom imkien. Qatt ma hargu jew marru jieklu barra.

L-intimata tghid li qed thossha ahjar ilum li l-partijiet ma jitkelmux. L-attur mhux jghix go d-dar matrimonjali filwaqt li hi baqghet tirrisjedi hemm flimkien mat-tifel il-kbir tal-partijiet.

In kontroezami l-intimata tichad illi n-Nutar qara u fiehem il-kuntratt tal-komprovendita tal-fond matrimonjali. Tghid li r-ragel biss kien tkellem fejn kien semmielu ghaxra fil-mija (10%) imma hi ma fehmitx anke peress li kienet ghadha zghira. Tghid illi r-ragel kien itiha c-cekk tal-paga billi jiffirmalha fuq wara u hi kienet

tmur issarfu izda kien jghajjarha meta kien jaghmel dan. Mistoqsija jekk hi kienitx tkun zorra ma' zewgha, l-intimata tghid li kien tkun b'reazzjoni ghalih.
Hija semmiet li fl-ahhar ftit xhur, l-attur beda jtiha biss l-ammont ta' mitt euro (€100) mill-pensjoni tieghu mentri hu kellu pensjoni komda li tohrog mit-tezor.

Sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha, l-intimata resqet is-segwenti provi:

1. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartimetn tas-Sigurta' Socjali,* li nghatat waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2024 (fol. 136) fejn ix-xhud ezebixxa kopja tar-*records* tal-pensjoni li rcevew il-partijiet, liema *records* kienu diga gew ezebiti minnu fis-seduta tal-24 t'Awwissu 2022 madanakollu dawn ir-rendikonti gew aggornati sabiex koprew ukoll is-snin 2023 u 2024. Fil-prezent, l-attur jidher li qed jippercepixxi pensjoni fl-ammont **ta' tmien mija tnejn u erbghin euro (€842).**

2. *Ix-xhieda ta' Dott Marita Pace Dimech, fl-irwol tal-Ufficjal Legali ghat-Tezor ta' Malta* li nghatat waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2024 (fol 146) fejn infurmat lil din il-Qorti illi mis-sena 2008, pensjonijiet tat-tezor gew mghoddija taht ir-responsabbilta' tad-Direttur tas-Sigurta' Socjal.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrent, li jikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimata. Illi l-attur jindika illi l-intimata hija unikament hatja ghat-tifrik tz-zwieg taghhom minhabba inkompatibbilita ta' karattru u glied li beda meta l-intimata bdiet isofri minn nuqqas ta' sahha mentali, b'dana illi l-partijiet bdew jghixu hajja separata u llum l-hajja konjugali mhix aktar possibbli.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> ***40.Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfaltiegħu, jew minħabba li l-***

***ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:***

***Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġun.***

Fid-decisjoni fl-ismijiet: ***Elisa Thompson vs. Edward Thompson***[1], ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-ġurisprudenza kostanti taghna tispjega l-mottivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria M vs Vincenzo M***[2] u dik fl-ismijiet ***Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi***[3], ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija,

***"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"*** u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn "***ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",*** filwaqt li ġew definiti bħala li"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz", rispettivament. Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi ***"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***[4]

---

[1] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[2] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[3] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[4] Antonia M vs. Giuseppe M , deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.***"

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, tapplikax o meno dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, din il-Qorti tqis illi ma kienx hemm raguni wahda u solida li waslet ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet. Il-Qorti ma tqisx in-nuqqas fis-sahha mentali tal-intimata li l-attur jiddeskrivi pjuttost fit-tul fl-affidavit tieghu, bhala raguni li waslet ghat-tifrik taz-zwieg, apparti l-fatt illi dipressjoni jew mard mentali huwa **defett involontari.** Infatti, wara li l-intimata harget mill-isptar Monte Karmeli u bdiet il-medicini li nghatat, rrizulta li iz-zwieg tal-partijiet kompla ghaddej ghal numru ta' snin. Dak iz-zmien ulied il-partijiet kienu ghadhom zghar tant li kien hemm bzonn l-intervent tal-mara ta' hu l-attur biex jitrabbew – **ghalkemm l-intimata tghid li kull ma kienet damet rikoverata kienu biss tlett (3) xhur.** Ilum -il gurnata ulied il-partijiet huma maggorenni, uhud minnhom mizzewgin u dan jimplika li ghaddew diversi snin u l-partijiet baqghu mizzewgin.

Din il-Qorti lanqas tqis li kien hemm xi sevizzi jew eccessi da parti minn wahda mill-partijiet. L-intimata tghid fl-affidavit taghha li l-attur kien dejjem zorr maghha u jezercita kontroll fuqha. In kontroezami, l-intimata ammettiet li anke hi kienet tkun zorrha lura mieghu. Ma ngiebet l-ebda prova ohra biex isostni t-tezi ta' kull wiehed mill-parti. Ghalhekk din il-Qorti temmen li hekk kif bdew jikbru l-partijiet, beda jikber id-dizgwid bejniethom u bdew jghixu hajja distakkata minn xulxin. Dan wassal ghall-inkompatibilita' fil-karattru taghhom u fil-mod kif iridu jghixu. Ghalhekk din il-Qorti

ma tqisx li ghandha tattribwixxi htija ghat-tifrik taz-zwieg lil wahda mill-partijiet izda hi ta l-opinjoni li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

Din il-Qorti tibda billi ggib ghall-attenzjoni tal-partijiet illi l-unika propjeta' li tohrog mill-provi prodotti hija l-fond matrimonjali. L-evidenza u l-provi f'dawn il-proceduri kienu pjuttost skarsi. **Kien biss waqt it-trattazzjoni finali** li l-konsulent legali tal-attur semma' li **l-partijiet ghandhom ishma u *bonds*** izda l-ebda provi ma tresqu dwar il-konsistenza u l-valur taghhom. L-avukat difensur ghamel referenza wkoll ghall-flejjes li hemm depozitati fil-kontijiet bankarji. Ghal darb'ohra din il-Qorti sprovista minn provi dokumentarji f'dan ir-rigward. Il-Qorti rat illi fl-atti hemm tahrika ghal ingunzjoni ta' rapprezentanti tal-banek lokali. Madanakollu din it-tahrika ma jidhirx li harget ghaliex m'hemmx timbri tal-imsemmija notifika. Il-Qorti tara ukoll illi fis-seduti li nzammu mill-Assistant Gudizzjarju wara l-imsemmija tahrika, il-konvenuta u l-konsulent legali taghha ma dehrux ghas-seduti u ghalhekk ma tressqux provi. **Waqt it-trattazzjoni finali, d-difensur legali tal-attur jaghmel referenza ghall-flus li l-partijiet ircevew minn wirt** u l-pretensjonijiet taghhom derivanti minn dan il-wirt. Ghal darb'ohra din il-Qorti sprovista minn dokumenti jew provi ohra fuq din il-materja; la ghandha kontijiet bankarji, la ghandha quddiemha dikjarazzjonijiet *causa mortis*, lanqas almenu ssemmew mill-partijiet fl-affidavit rispettiv taghhom.

Il-vertenza principali fil-proceduri odjerna hija dik dwar il-kuntratt tax-xiri tal-fond matrimonjali. L-attur jistrieh fuq il-kuntratt li annetta mar-rikors promotur tieghu u li gie anke esebit mir-rapprezentant tan-Nutar tal-Gvern. Min-naha l-ohra l-intimata tikkontendi li din il-Qorti ghandha tassenja l-fond matrimonjali lilha stante li l-attur ma baqghax jirrisjedi fih fl-ahhar parti tal-proceduri odjerni. Fir-rigward tat-titolu, l-intimata tikkontendi li l-fond matrimonjali ghandu jkun assenjat nofs bin-nofs minhabba li giet allegatament ngannata mill-attur dakinhar tal-ippubblikar tal-kuntratt.

Ghal darb'ohra din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax fuq l-iskarsita' fil-provi quddiemha. Din il-Qorti hi kostretta tiddeciedi l-vertenza bejn il-partijiet biss fuq il-verzjoni kunfliggenti tal-partijiet u l-kuntratt ezebit fl-atti. Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova ohra li mqar timplika xi sostenn ghat-tezi tal-intimata, din il-Qorti ma tistax

tiddubita mill-veracita' tal-kuntratt ezebit. L-intimata ma jidher li ghamlet xejn sabiex tikkontesta l-veracita' tal-kuntratt meta allegatament saret taf bil-kontenut tieghu – la baghtet ittri ufficjali, la bdiet proceduri biex timpunja l-kuntratt fuq qerq, la hadet passi kontra n-Nutar dwar l-allegat nuqqas fid-doveri tieghu. Ghalhekk din il-Qorti temmen li l-verzjoni tal-attur hija aktar verosimili. Jidher li minkejja li l-intimata tghid li ma tafx tikteb u taqra, m'hemmx kontestazzjoni fuq il-fatt li hi kienet tamministra l-introjtu kollu waqt iz-zwieg.

Ghalhekk din il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali titpogga fuq is-suq liberu u tinbiegh. Sussegwentement ir-rikavat minn tali bejgh ghandu jinqasam bejn il-partijiet skont il-persentaggi tat-titolu li huma ndikati fil-kuntratt tal-komprovendita'. Il-partijiet ghandhom il-preferenza li jixtru sehem il-konjugi l-iehor jew l-ohra ghall-istess sehem li kieku jinghataw likieku l-fond jinbiegh lil terzi, b'dana li in vista tal-eta avvanzata tal-intimata, d-dhul baxx ghall-ahhar taghha, il-Qorti tqis illi dan il-bejgh tad-dar matrimonjali **m'ghandux isir qabel it-trapass ta' hames snin** sabiex l-intimata tibqa tabita fid-dar matrimonjali u tinghata zmien xieraq biex ssib residenza alternattiva.

Fl-ahhar nett din il-Qorti tara li fl-ahhar tal-proceduri inghatat hafna attenzjoni fuq il-pensjoni tal-attur tenut kont tal-pretensjoni tal-intimata li din tithallas parti minnha. Madanakollu din **il-Qorti m'ghandhiex quddiemha talba appozita**, la f'xi kontrotalba u lanqas f'rikors *pendente lite* sabiex l-intimata tibda tithallas parti mill-pensjoni tal-attur bhala manteniment lilha. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tordna li sar dan ghaliex inkellha tkun qed tohroq 'il barra mill-parametri tat-talbiet li ghandha quddiemha u tonqos mill-imparzjalita' li ghandha zzomm bejn il-partijiet. L-uniku istanza fejn din il-Qorti ghandha s-setgha tiddeciedi 'l barra mit-talbiet mresqa hija fejn ikun hemm decizjonijiet li jittiehdu fl-interess suprem ta' ulied minuri. Dan b'certezza ma japplikax ghal kaz odjern.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan li l-Qorti ma tqisx li xi konjugi ghandu jew ghandha tigi attribwit l-htija ghal tali tifrik taz-zwieg li sehh irrimedjabbilment;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida, u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti skont il-Ligi: Il-vettura tal-ghamla Toyota Hilux ghandha tigi assenjata lill-attur; kwalunkwe kont bankarju li hu kongunt ghandu jinghalaq u l-bilanc diviz ugwalment bejn il-partijiet; kull kont bankarju intestat f'isem wiehed jew iehor mill-partijiet ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-kontendenti wara li jigi mnaqqas kwalunkwe ammonti ta' flus derivanti minn wirt ta' wiehed jew iehor mill-partijiet, biex b'hekk isir ekwiparazzjoni tal-bilanci rimanenti bejn iz-zewg partijiet; Kull ishma jew bond jew investiment f'isem l-attur maghmul insegwitu tad-data taz-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza stante li l-ebda data ohra ma giet provduta mill-partijiet;**

4. **Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti, taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux ugwali li tirrispetta l-kwoti ndikati fil-kuntratt ta' bejgh tal-fond '94 u 96', Tower Street, Mosta datat disgha u ghoxrin (29) t'Awwissu tas-sena elf disa mija u tmenin (1980) fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Nicolette Vella u tassenja parti wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta u b'dan illi l-intimata ghandha tibqa' tirrisjedi, ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq, fid-dar matrimonjali ghal hames snin;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tiddikjara li d-dar ufficjalment markata bin-numru '94 u 96', Tower Road, Mosta m'ghandhiex titqies aktar bhal d-dar taz-zwieg. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-istess fond, wara il-perjodu ta' hames snin indikat fir-raba decide, b'dana li il-prezz li bih ghandha titpogga fuq is-suq ghandu jigi determinat mill-Perit Mario Cassar, bl-ammissjoni ta' oblaturi barranin. Din il-Qorti taghti preferenza lill-partijiet biex jixtru s-sehem tal-parti l-ohra ghall-istess prezz daqs li kieku kien ser jinbiegh lil terzi;**

6. **Tichad is-sitt talba stante li ma ngiebu l-ebda provi quddiem din il-Qorti sabiex jissostanzjalizaw tali talba, lanqas dikjarazzjoni tal-konjugi dwar din il-pretensjoni;**

7. **Tichad is-seba' talba;**

8. **Tilqa' t-tmien talba.**

**L-eccezzjonijiet tal-intimata, it-talbiet tal-kontro talba, l-eccezzjonijiet ghal-kontro-talba qed jigu milquha jew michuda kif fuq deciz.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**